# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 88/2016**

Il-Pulizija

vs

**Deborah Farrugia**

Bint Raymond, imwielda Pieta' fid-29 ta' gunju, 1984, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 346284(M)

Illum 16 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellata Deborah Farrugia quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Fis-27 ta' Lulju, 2003, għall-ħabta ta' bejn is-siegħa ta' filgħodu u d-disgħa ta' filgħodu, fi Triq Bwieraq Birkirkara, ikkomettiet serq ta' *car seat covers* ta' lewn kannella u bil-*logo* tat-*Toyota* u *indicator* ta' quddiem tax-xellug minn ġo vettura tal-għamla **Toyota Starlet** bin-numru tar-reġistrazzjoni **LCG-106**, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' **Gilbert Debattista** minn Birkirkara;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' fuq vettura tal-għamla **Toyota Starlet** bin-numru tar-reġistrazzjoni **LCG-106**, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-detriment ta' **Gilbert Debattista** minn Birkirkara;

3. U talli fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Lulju 2003 u l-4 ta' Lulju 2003, għall-ħabta ta' bejn il-ħdax ta' filgħaxija u it-tmienja ta' filgħodu, fi Triq ta' Xmiexi, Msida ikkomettiet serq ta' *car stereo CD player* tal-marka *Kenwood* ta' mudell mhux magħruf u 5 *compact discs* minn ġo vettura tal-għamla **Volkswagen Jetta** bin-numru tar-reġistrazzjoni **IAM-116**, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' **Andrew Rizzo** mill-Imsida;

4. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' fuq vettura tal-għamla **Volkswagen Jetta** bin-numru tar-reġistrazzjoni **IAM-116**, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-detriment ta' **Andrew Rizzo** mill-Imsida;

5. U talli fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Lulju 2003 u l-24 ta' Lulju 2003, għall-habta ta' bejn id-disgħa ta' filgħaxija u is-sitta ta' filgħodu, fi Triq Patri Marjanu Vella, Sliema ikkomettiet serq ta' *car stereo CD player* ta' marka u mudell mhux magħruf, *handbag* ta' lewn iswed, *wallet* ta' lewn sewda, 2 *cards* tal-banek HSBC u BOV, liċenzja tas-sewqan, karta tal-identita', tapit tad-dashboard u ħames mitt lira Maltin (LM500) fi flus kontanti minn ġo vettura tal-għamla **Peugeot 206** bin-numru tar-reġistrazzjoni **DBF-682**, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' **Alfreda Pisani** minn Sliema;

6. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' fuq vettura tal-għamla **Peugeot 206** bin-numru tar-reġistrazzjoni **DBF-682**, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix mija u sittax il-euro u

sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) imma iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-detriment ta' **Alfreda Pisani** minn Sliema;

7. U talli fil-lejl ta' bejn il-5 t' Awwissu 2003 u s-6 t' Awwissu 2003, għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħaxija u s-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu, fi Triq Ta' Zwejt, San Gwann ikkommetiet serq ta' *bumper* ta' quddiem, pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' quddiem, 2 *indicators* ta' quddiem u liċenzja tas-sewqan minn ġo vettura tal-għamla **Toyota Windy** bin-numru tar-reġistrazzjoni **LCF-468**, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin centezmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' **Carmel Marchett** minn San Gwann;

8. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' fuq vettura tal-għamla **Toyota Windy** bin-numru tar-reġistrazzjoni **LCF-468**, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix mija u sittax il-euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) imma izjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) għad-detriment ta' **Carmel Marchett** minn San Gwann;

9. U talli kisret il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza li saret definittiva u li ma tistax tiġi mħassra mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata is-6 ta' Frar 2003;

10. U aktar talli saret reċediva ai' termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 261, 263, 270, 271, 267, 325(1) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmija imputata ħatja u lliberatha mill-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprežentat fis-26 ta' Frar, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tiddisponi minnha skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi fil-ħdax (11) ta' Frar tal-elfejn u sittax (2016) il-Kummisarju tal-Pulizija daħħal nota li kien bi ħsiebu jappella u sussegwentement fis-sittax (16) ta' Frar l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat b'tali sentenza in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti għoġobha tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni magħluqa għas-sempliċi raġuni li dak in-nhar stess ma deher ħadd u b'hekk ċaħdet lill-prosekuzzjoni milli tressaq dawk il-provi li kienu ndispensabbli għaliha biex tipprova l-każ tagħha *inter alia* li jiġu kkomparati l-impronti li kienu ġew elevati u dana hekk kif sejjer jiġi spjegat fil-qosor kemm jista' jkun;

Illi hekk kif appena ndikat, l-appellata ġiet lliberata għax skont l-ewwel Onorabbli Qorti '*la ġew prodotti xhieda okulari jew xhieda oħra, la ġie ndikat li l-impronti diġitali misjuba fuq il-vetturi kienu tagħha u mhux tas-sidien tal-istess vetturi'* u għaldaqstant ma kellhiex għażla ħlief li tillibera lill-appellata. Illi huwa appuntu hawnhekk fejn l-esponent mhux qed jaqbel mal-konsiderazzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti għax b'kull dovut rispett ġaladarba ġew prezentati r-rapporti forensiċi bl-impronti elevati annetti magħhom, l-istess Onorabbli Qorti kellha kull setgħa tagħmel, f'dak kollu li mhux projbit, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni tagħha, li hu meħtieġ għat-tikxif tal-provi u għaldaqstant kellha s-setgħa taħtar espert biex isir l-eżami komparattiv tal-impronti b'dana li l-ġabra tal-provi tal-kawża tkun kemm jista' jkun kompluta. Illi ta' min jerġa' jisħaq li l-pulizija diġa kellha komparazzjoni pożittiva tal-imsemmija mpronti tal-appellata tramite' l-AFIS u kull ma kien jonqos kien li appuntu dina l-komparazzjoni tiġi kkonfermata mill-espert tal-Qorti;

Illi f'dan l-isfond jingħad ukoll li għalkemm dawna l-proċeduri kienu ta' natura sommarja bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali u nbdew lejn l-aħħar tas-sena elfejn u tnax (2012) is-sentenza ngħatat ben tlett snin u xahrejn wara. Illi ħarsa kronoloġika tas-seduti jiġi nnotat li b'kollox kien hemm dsatax (19) il-seduta fejn fi tmienja (8) minnhom ma sar xejn peress li d-difiża ma kinitx preżenti u/jew talbet differiment kif ukoll li f'erba' (4) drabi oħra kien hemm differiment fuq talba tal-prosekuzzjoni. Illi l-esponent bla tlaqliq jissottometti li dan il-każ ma kellux għalfejn idum

daqshekk u għaldaqstant jista' jifhem il-frustazzjoni tal-Qorti meta ddeċidiet li tagħlaq il-provi tal-prosekuzzjoni peress li għal darb oħra ma sar xejn għax appuntu ma deher ħadd imma minn naħa l-oħra, f'ġieħ is-sewwa, fl-umli opinjoni tal-esponent il-Qorti ma kellhix tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni magħluqa meta appuntu ma kienx il-kaz. Illi tant hu hekk illi wara li ħarġet il-komunika tal-Qorti dwar dan il-fatt il-prosekuzzjoni rrejaġġixit b'mod immedjat għal darba, darbtejn u saħansitra tlett darbiet fejn talbet lill-Qorti taħtar espert ai termini tal-**artikolu 397(2),** u dana bl-applikazzjoni tal-**artikolu 525(3)** tal-kodiċi kriminali**,** bil-għan li jkun jista' jirrelata dwar l-imsemmija mpronti li ġew elevati u li jiffurmaw parti mill-atti proċesswali, ħaġa li kienet indispensabbli għall-prosekuzzjoni biex tipprova il-maġġor parti tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra l-appellata;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost għalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti kellha kull interess u l-obbligu tara li proċeduri sommarji ma jittawwlux inutilment, minn naħa l-oħra ma jfissirx li għax fis-seduta tad-disgħa u għoxrin ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (29/05/14) ma deher ħadd allura kienet kostretta tagħlaq il-provi tal-prosekuzzjoni, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li fiż-żewġ seduti preċedenti, għalkemm ġew ippreżentati l-impronti elevati xorta waħda ma sar xejn u dana peress li dak in-nhar l-appellata ma kinitx assistita. Illi fil-verita' minn mindu ġew esebiti l-impronti l-prosekuzzjoni qatt ma kellha l-opportunita tagħmel it-talba tant indispensabbli għaliha li jinħatar espert tal-Qorti biex jagħmel l-eżamijiet neċessarji ai fini ta' komparazzjoni, ħaġa li mingħajra l-każ odjern ma setgħa qatt jiġi ppruvat hekk kif fil-fatt ġara u għaldaqstant fl-ewwel lok il-prosekuzzjoni ġiet mċaħħda milli hekk tagħmel u fit-tieni lok mingħajr preġudizzju, lanqas biss setgħet tressaq provi oħra relatati mal-kumplament tal-imputazzjonijiet *inter alia* dwar ksur ta' ordni ta' probation u l-addebitu tar-reċediva;

Illi f'dan l-isfond u mingħajr preġudizzju jingħad li l-kodiċi kriminali jistipula li ġaladarba jingħalaq is-smigħ tal-kawża, **jekk jista' jkun**, dak in-nhar stess il-Qorti għandha tagħti s-sentenza. Illi dan ifisser li għalkemm huwa importanti li proċeduri sommarji jinstemgħu kemm jista' jkun malajr il-liġi mhijiex qed timponi, għalkemm hekk mixtieq, li dawna għandhom jinstemgħu bilfors f'seduta waħda, iżda minn naħa l-oħra l-liġi torbot l-istess Qorti, li ġaladarba jingħalaq is-smigħ tal-kawża, ħaġa li fil-każ odjern ma seħħitx, **dejjem jekk hu possibli** hi

għandha tgħaddi għas-sentenza dak in-nhar stess[1], ħaġa li għal darb' oħra ma seħħitx peress li għalkemm fis-seduta tal-ħamsa ta' Marzu tal-elfejn u ħmistax (05/03/2015) id-difiża ddikjarat li għalqet il-provi, l-imputata baqgħet tkaxkar saqajha sal-punt li fis-seduta ta' qabel tal-aħħar u kwindi dik tad-dsatax ta' Novembru tal-elfejn u ħmistax (19/11/2015) il-Qorti ordnat li jinħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tagħħa bil-konsegwenza li s-sentenza ngħatat kważi sena wara li d-difiża ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq, żmien li żgur jmur oltre minn dak ipprospettat taħt l-artikolu 377 tal-kodiċi kriminali. Illi meta wieħed janalizza dan kollu bilfors ikollu jsaqsi li x'sens jagħmel li l-Qorti ma ħatritx espert meta l-proċess xorta waħda twal inutilment?

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-iter tal-Kawża:

Ħarsa lejn l-iter tal-kawża turi dawn id-dettalji:

L-ewwel seduta nżammet fid-29 ta' Novembru 2012 fejn dehru l-partijiet u fuq talba tal-partijiet stess il-kawża kienet ddiferrita għal 21 ta' Frar, 2013.

Fit-tieni seduta nżammet fil-21 ta' Frar 2013 fejn dehru l-partijiet, inqarat l-akkuża bil-ġurament, sar l-eżami tal-imputata u xehed l-Ispettur Darren Buhagiar waqt li ppreżenta tmien dokumenti.

---

[1] Fl-opinjoni umli tal-esponent, meta l-liġi qed tgħid dak in-nhar stess mhix qed tirreferi għall-ewwel dehra, jiġifieri li għax sommarja kollox jiġi deċiż f'seduta waħda, għalkemm il-ħsieb oriġinali tal-leġislatur dak li kien, pero illum il-ġurnata l-kompetenza tal-istess Qorti tant żdiedet li l-każijiet huma ta' ċertu portata li prattikament jrendihom impossibli li jinstemgħu f'darba, hekk kif inhu l-każ odjern. Illi meta l-liġi qed tgħid dak in-nhar stess trid tfisser dak in-nhar stess li jingħalqu l-provi, u **dejjem jekk hu possibli**, il-Qorti għandha tgħaddi għas-sentenza dak in-nhar stess.

Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' l-prova tal-identita' għar-rigward dokumenti DB3 u DB4 għaliex l-istqarrijiet ingħataw volontarjament. (fol.20). (Ara fol 26 u 28 – sentenzi preċedenti – u fol 31 u 33 stqarrijiet). Fil-fol.38 sa 57 jidhru r-rapporti.

Fit- tielet seduta, dik tat-18 t'April, 2013, il-Qorti ordnat li l-kawża tkun differita għat-23 ta' Mejju, 2013 (fol.58).

Fir-raba' seduta, miżmuma fit-23 ta' Mejju 2013, deher l-Ispettur Buhagiar li informa lill-Qorti li l-imputata kient indisposta. (fol 59).

Fil-ħames seduta, miżmuma fis-27 ta' Ġunju, 2013, deher l-ispettur Darren Buhagiar u l-Avukat Difensur Arthur Azzopardi. L-imputata imsejħa diversi drabi ma dehritx u l-kawża kienet differita għat-3 t'Ottubru, 2013. (fol.60).

Fit-30 t'Awwissu, 2013, l-Ispettur Darren Buhagiar talab differiment dwar is-seduta li kellha tinżamm fit-3 t'Ottubru 2013 minħabba li l-Ispettur kien ser isegwi kors barra minn Malta.

Fis-sitt seduta, miżmuma fit-3 t'Ottubru 2013, ma deher ħadd u fuq talba tal-Prosekuzzjoni l-kawża kienet differita għat-28 ta' Novembru, 2013. (fol.62).

Fis-seba' seduta deher l-Ispettur Darren Buhagiar li informa lill-Qorti li l-imputata ma setgħetx tattendi minħabba li kellha tieħu ħsieb lin-nanna tagħha. Il-Prosekuzzjoni esibiet riferta tal-imputata (fol 64) Il-Qorti ddiferiet il-kawża għat-13 ta' Frar, 2014 u ordnat sabiex dak in-nhar l-imputata tinġieb b'mandat t' arrest. (fol.63).

Fit-tmien seduta li nżammet **fit-13 ta' Frar, 2014** deher l-Ispettur Darren Buhagiar kif ukoll l-imputata. Xehdu l-Maġġur Edgar Dalli u ppreżenta r-rapport ED1, PS 680 Sheldon u ppreżenta dok CS 1 u l-ispettur Darren Buhagiar li ppreżenta Dok DB 9. Il-Qorti ddiferiet il-kawża għall-20 ta' Marzu, 2014. (fol 65)

Fil-11 ta' Marzu, 2014 l-Ispettur Darren Buhagiar talab lill-Qorti tiddeferixxi l-kawża **minħabba laqgħa tal-korp (fol 44).**

Fid-disa' seduta, miżmuma fl-20 ta' Marzu 2014, il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni. (fol 95).

**Fl-għaxar seduta**, miżmuma fid-29 ta' Mejju 2014, meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd u l-Qorti ordnat komunika kemm lill-Ispettur Darren Buhagiar kif ukolll lill-avukat difensur. Barra dan il-Qorti ddikjarat li '**l-provi tal-Prosekuzzjoni huma magħluqa u tħalli l-kawża għall-provi difiża għad-19 ta' Ġunju, 2014. ' (fol 96).**

Fis-6 ta' Ġunju 2014, l-Ispettur Darren Buhagiar talab differiment għaliex dak in-nhar tal-kawża kien ser ikun imsiefer fuq taħriġ tal-korp.

Fl-ħdax-il seduta, jiġifieri dik miżmuma id-19 ta' Ġunju 2014, il-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni,ddiferiet il-kawża għat-30 t'Ottubru, 2014. (fol.98).

Fl-24 ta' Lulju 2014, l-Ispettur Darren Buhagiar f'rikors ippreżentat fil-Qorti, spjega li fid-29 ta' Mejju 2014 huwa ma kienx deher minħabba li kien barra minn Malta fuq kors ta' taħriġ. Huwa rrefera għall-fatt li l-Qorti kienet iddikjarat li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu magħluqa. Huwa talab lill-Qorti sabiex tħalli l-kawża għall-provi prosekuzzjoni u talab in-nomina ta' espert tal-impronti diġitali. (fol.99).

Fit-tnax-il seduta, miżmuma fit-30 t'Ottubru, 2014, deher l-Ispettur Darren Buhagiar. Dehret l-imputata li għarrfet lill-Qorti li l-Avukat Difensur kien imsiefer. Il-Qorti ddiferiet il-kawża għat-22 ta' Jannar, 2015 għall-provi difiża. **L-imputata kienet notifikata fl-Awla**. (fol 100).

Fil-31 t'Ottubru, 2014 l-Ispettur Darren Buhagiar talab lill-Qorti sabiex tinnomina espert tal-importi diġitali ai termini tal-artikolu 525(3) tal-Kap 9. L-istess artikolu jirreferi għall-artikolu 397(2) sa (4) li l-Qorti tista' fuq talba tal-pulizija li l-imputat ikun fotografat, meqjus jew li jittieħdu l-istampi ta' subgħajn l-imputat. Din tapplika għall-Qorti tal-Maġistrati fil-każijiet ta' kompetenza bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1) jew taħt xi dispożizzjonijiet oħra tal-Kap 9. L-Ispettur għalhekk reġa' talab għall-ħatra tan-nomina ta' espert. (fol 101).

Fit-3 ta' Novembru 2014, l-Ispettur Darren Buhagiar reġa' talab lill-Qorti biex taħtar espert tal-impronti diġitali. (fol 102).

Fit-tlettax-il seduta miżmuma fit- 22 ta' Jannar, 2015 deher l-Ispettur Darren Buhagiar għall-Prosekuzzjoni u aktar tard deher l-avukat difensur. L-imputata baqgħet ma dehritx. (fol 103).

Fl-erbatax -il seduta, dik miżmuma fil-5 ta' Marzu, 2015, dehru l-Ispettur Darren Buhagiar, l-imputata u l-avukat difensur. Id-difiża ddikjarat li m'għandhiex provi. Il-kawża kienet iddiferita għat-trattazzjoni u għas-sentenza għas-7 ta' Mejju 2015 u l-imputata kienet notifikata fl-Awla. (fol 104).

Fil-5 ta' Mejju,2015 l-avukat difensir talab differiment minħabba li kien ser ikun imsiefer. (fol 105).

Fil-ħmistax-il seduta dehret l-Ispettur Silvana Briffa għall-Prosekuzzjoni u l-Qorti ħalliet il-kawża għall-11 ta' Ġunju 2015. (fol 106).

Fis-26 ta' Mejju, 2015 l-Ispettur Darren Buhagiar talab differiment għaliex kien ser ikun imsiefer fuq xogħol. (fol 107).

Fis-sittax-il seduta, dik miżmuma fil-11 ta' Ġunju 2015 deher l-avukat difensur u l-kawża kienet differita għat-28 ta' Settembru 2015 għat-trattazzjoni. (fol 108).

Fis-sbatax-il seduta ,dik miżmuma fit-28 ta' Settembru, 2015 deher l-Ispettur Darren Buhagiar u dehret ukoll l-imputata. Il-kawża kienet posposta u reġgħet issejħet fil-11.15 am. L-avukat difensur baqa' ma deherx u l-kawża kienet differita għas-sentenza għad-19 ta' Novembru, 2015. (fol 109).

Fit-tmintax-il seduta dehru l-Ispettur Darren Buhagiar u l-Avukat Difensur iżda l-imputata ma dehritx. Il-Qorti ordnat li l-imputata tinġieb b'mandat t'arrest għas-seduta tal-11 ta' Frar 2016. (fol 110).

Fil-11 ta' Diċembru, 2015 l-Avukat Difensur ippreżenta nota tal-imputata li magħha kien hemm ċertifikat mediku li spjega għala l-imputata kienet naqset li tidher fid-19 ta' Novembru, 2015. (fol 111). Id-data taċ-ċertifikat hija 18 ta' Novembru, 2015.

Fid-dsatax-il seduta, jiġifieri dik miżmuma fil-11 ta' Frar, 2016 il-kawża kienet deċiża. (fol 114).

**L-appell tal-Avukat Ġenerali:**

L-appell tal-Avukat Ġenerali huwa msejjes fuq il-punt li l-Qorti tal-Maġistrati kienet iddikjarat il-provi tal-prosekuzzjoni magħluqa għax dak il-jum ma kien deher ħadd. Il-Prosekuzzjoni riedet li

l-impronti elevati jkun komparati.  Il-Qorti kellha kull setgħa li taħtar espert biex isir l-eżami komparattiv. Il-Prosekuzzjoni kienet talbet tliet darbiet sabiex jinħatar l-espert.

Waqt it-trattazzjoni, l-Avukat difensur issottometta li l-Avukat Ġenerali ma setax jappella u li fil-fatt ma ċċita ebda sub-paragrafu taħt l-artikolu 413 li jagħtih tali dritt.

Huwa tassew li l-Avukat Ġenerali ma ndikax xi sub-artikolu in partikolari iżda minn kif inhu miktub l-aggravju jidher li dan jaqa' taħt l-artikolu 413(1)(b)(vi) jiġifieri meta l-Prosekuzzjoni ma titħalliex titppoduċi xi prova indispensabbli li tkun ammissbbli skont il-liġi.

Jidher li l-Prosekuzzjoni talbet biex il-Qorti taħtar espert tal-impronti diġitali biex ikun jista' jirrelata wara li jqabbel mal-impronti diġitali prodotti mill-Prosekuzzjoni.  Tali espert ma jistax jinġieb mill-Pulizija minħabba dak li jiddisponi 650(2) tal-Kap 9 li jgħid espressament li l-esperti għandhom jingħażlu mill-Qorti. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ma setgħetx taqbad u ttella' espert tagħha.

Skont il-Liġi, din il-ħatra setgħet issir skont dak li jipprovdi l-artikolu 525(3) tal-Kap 9 li jagħmel referenza għall-artikolu 397(2) tal-istess Kap 9.

L-abbli avukat difensur ukoll issottometta li kawża sommarja m'għandhiex iddum daqshekk u in sostenn ta' dan huwa ċċita s-sentenza 'Il-Pulizija vs Frankis sive Frankie Portelli' deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fil-25 ta' Lulju , 2008.

Din il-Qorti eżaminat dan il-każ bir-reqqa fejn għandu x'jaqsam dak li ssottometta l-abbli avukat difensur dwar it-tul ta' żmien f'kawżi sommarji.  F'dak il-każ il-Qorti kienet qalet hekk:

*'Kwantu għat-tieni aggravju, fejn l-appellant Avukat Ġenerali qed jillanja li l-ewwel qorti ma mxietx skont il-paragrafu (f) tal-artikolu 370(3), dan hu, fil-fehma tal-Qorti infondat.  Ix-xhud Francis Axiaq, li l-Prosekuzzjoni kienet qed titlob li jinstema', ittella' jixhed għal darba, darbtejn; iżda huwa dejjem ipprevalixxa ruħu mid-dritt li ma jixhedx minħabba l-proċeduri pendenti kontra tiegħu.  Il-Qorti Inferjuri, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kellha s-setgħa li tgħaddi għall-istadju li jmiss wara li tagħti, kif effettivament għamlet, żmien raġjonevoli lill-prosekuzzjoni biex din tirrgola ruħha fir-rigward tal-proċeduri kontra l-istess Axiaq.  Id-dispożizzjoni tal-imsemmi paragrafu (f) ma tistax tiġi interpetata b'mod li proċeduri essenzjalment sommarji jiġu prattikament sospiżi indefinittivament għax xhud li kien intalab ma jkunx jista' jinstab jew ma*

*jkunx jista', għal xi raġuni valida skont il-liġi, jixhed. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-mod kif aġixxiet l-ewwel qorti f'dan ir-rigward.'*

Din il-Qorti tirraviża differenza bejn il-każ ċitat u dak ta' llum. Tassew li l-każ juri li proċeduri sommarji għandhom jibqgħu sommarji iżda min-naħa l-oħra x-xhud li kellha bżonn il-Prosekuzzjoni ma setax jixhed minħabba li kellu proċeduri pendenti kontra tiegħu. Fil-każ ta' llum il-Prosekuzzjoni ma kinitx qed titlob din it-tip ta'xhieda iżda kienet qed titlob ħatra ta' espert li setgħet issir mill-Qorti biss. Għalhekk il-Qorti mhix qed tqis li l-każ ċitat japplika għall-każ odjern minħabba li t-tip ta' xhieda meħtieġa hija għal kollox differenti.

Dwar it-tul ta' żmien, il-Qorti tal-Maġistrati ħadet id-deċiżjoni tagħha fl-għaxar seduta meta ma deher ħadd u kienu għaddew tmintax-il xahar mill-ewwel seduta.

Din il-Qorti tqis li talbiet għal differimenti minħabba laqgħat tal-korp jew minħabba taħriġ barra minn Malta għandhom jintlaqgħu biss f'każi eċċezzjonali. Fil-Qorti tal-Maġistrati, il-Prosekuzzjoni titmexxa mill-Pulizija; mela l-Pulizija għandha tkun hemm. Tassew li t-taħriġ hu meħtieġ u ċerta laqgħat huma indispensabbli **iżda x-xogħol fil-Qorti għandu jirbaħ fuq kollox**. Jekk hemm bżonn, il-Prosekutur għandu jisb sostitut biex jitla' bil-każ minfloku, jgħarraf lil min jitla' bid-dettalji tal-każ safejn ikun wasal u jħarrek ix-xhieda biex jidhru fil-jum iffissat mill-Qorti.

Min-naħa l-oħra l-Qorti tirraviża li kien hemm mumenti fejn l-imputata ma telgħetx minkejja li kienet inġunta regolarment kif ukoll darba l-avukat difensur ma deherx għax presumibilment ikun qiegħed quddiem Qorti oħra u darba għaliex kellu jsiefer.

Il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li, mgħobbija b'ħafna xogħol, trid tmexxi l-kawża, u ma tistax minħabba ntoppi li, bi ftit tal-għaqal u koperazzjoni, setgħu jkun evitati.

Biss ġaladarba kienu ppreżentati tliet sets ta' impronti diġitali, it-talba li l-Prosekuzzjoni għamlet talba għal tliet darbiet għall-ħatra ta' espert – **liema ħatra setgħet issir mill-Qorti biss** – kellha tintlaqa'. Ikun xi jkun l-effett aħħari ta' din il-ħatra, irid jarah min jiġġuidka li lanqas hu marbut bir-relazzjoni tal-espert (Artikolu 656 tal-Kap 9).

Għal din ir-raġuni, l-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati fil-11 ta' Frar 2016 u qed tirremetti l-każ lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex l-imputata jkollha d-dritt għad-doppio esame.